# Il-Qalb tal-Bniedem

## *Dun Karm*



### Nota

- *Il-Qalb tal-Bniedem* hija **poeżija riflessiva** li fiha Dun Karm permezz tal-**apostrofi** jkellem lill-qalb u jsaqsiha x'inhuma x-xewqat tagħha.

- Il-qalb metaforikament tissimbolizza lill-bniedem. Permezz tas-**sineddoke** l-poeta jsemmi parti minn ħaġa biex jirreferi għal xi ħaġa sħiħa u akbar.

- Il-poeta matul il-poeżija jenfasizza li l-qalb tixtieq bosta affarijiet tajbin u sbieħ iżda xejn ma jagħmilha verament kuntenta.

- Għalhekk jidher **kuntrast** bejn ix-xewqat tal-bniedem u r-realtà kiefra tal-ħajja:

  *"Kull ferħ fl-aħħar jisfa' niket,*

  *Kull imħabba tinfexx dmugħ."* (v. 7-8)

- Il-poeta permezz tal-**paradoss** qawwi jistqarr li l-bniedem fil-mewt biss jista' jistrieħ u jsib l-hena li tant jixtieq:

  *"Tħobb il-ħajja; u b'danakollu*

  *Fil-mewt biss donnok tistrieħ;"* (v. 13-14)

- Dan juri l-**kriżi eżistenzjali** li l-poeta għaddej minnha, u minħabba li huwa bniedem ta' fidi jorbot il-mewt ma' Alla. Tant li fl-aħħar żewġ versi jħaddem il-**klajmaks**:

  *"Arfa' ħarstek lejn is-sema,*

  *Alla biss jista' jhennik."* (v. 19-20)

- Għalhekk it-**ton** tal-poeta huwa wieħed **malinkoniku** iżda li **juri tama** fil-ħajja li jmiss għaliex dak li hawn f'din id-dinja hu temporali ħdejn il-ġenna dejjiema.

- Din il-**poeżija** hija **tradizzjonali** minħabba li għandha metrika fissa: l-istrofi kwartini fihom versi ottonarji b'rima mqabbża.

Isem: ____________________________ Klassi: ______________________